# Poeta mit-twelid !

## ĦANNIEQA TA' SNIN : ĦANNIEQA TA' ĦOLM.

Sa nikteb kelmtejn fuq wieħed li ħadd fid-dinja ma jista' jagħarfu u jħobbu daqskemm nagħirfu u nħobbu jien. Min hu ma ngħidilkomx. Intom tafuh daqsi. Dan il-flien għadu jgħix magħna; u għandu f'rasu li jibqa' jgħix wara mewtu u wara mewtna. Ktieb sħiħ mill-bidu sa l-aħħar għadu qatt ma qara sal-lum. Kiteb, jekk mhux ħafna, ftit; u kiteb aktarx tajjeb u bil-għaqal. Ma jobgħod lil ħadd. Iħobb lil kull maħluq u aktar lil Min ħalqu. Għandu vokabularju tiegħu u dizzjunarju għalih waħdu. Jekk tqallbuhomlu, issibu fihom kemm-il-ġens, kemm-il-nisel u kemm-il-għamla ta' kliem u ta' ismijiet. Fihom issibu kollox; iżda l-kelmiet "Egoiżmu", "Opportuniżmu" u "Serviliżmu" ma tiltaqgħu magħhom qatt; wisq u wisq anqas ma ssibu xinhu tifsirhom. Ħabibi u ħabibkom għandu l-aktar għal qalbu dak li hu jsejjaħ "ekwilibriju Soċjali" u "komuniżmu moderat nisrani". Aktar għandu ħeġġa u ħila f'qalbu u f'moħħu, milli qawwa u setgħa f'għamilu. Fi kliem ieħor, aktar jixtieq u jrid, milli jista' jagħmel. Sikwit iħaqqaqha u jgħid li la jibża' u anqas jistħi minn ħadd, għax ma għandux għalfejn jistħi jew jibża'. Għandu versi tistħajjilhom proża u għandu proża tistħajjilha versi. F'kelma waħda, L-Isem-Bla-Isem (biex imlaqqmuh hekk) tagħna hu poeta f'kullma jikteb : poeta fi ħsiebu; poeta f'għamilu; poeta dejjem u kullimkien.

L-Isem-Bla-Isem għandu ħajtu ħolma waħda. U l-kitba tagħna fuqu għandha mnejn tidher ħolma wkoll. Għalhekk sa niġu biex infissru ħolma b'oħra.

Kitba kbira ma għandekx issibha biss f'suġġett kbir. Wisq drabi suġġett kbir jitfisser b'kitba żgħira, jew aħjar b'kitba dgħifa u fqira. Drabijiet oħra suġġett irħis u għoddu bla siwi jitfisser b'kitba għolja, miżuna u mirquma. Il-kitba titqies u titkejjel fiha nfisha, biha nfisha. Kittieb tajjeb joħroġ b'kitba tajba f'kull ħaġa li jikteb, imqar jekk jikteb fuq ħaġa ta' xejn. Id-"*Divina Commedia*" ta' Dante tħaddan fiha *magnum opus* u l-kitba tagħha hi mill-aħjar, mill-aqwa u mill-ogħla. Id-"*Don Quixotte*" ta' Cervantes hu rumanz mimli, biex ingħidu hekk, bil-ħmerijiet; madankollu l-kitba tiegħu hi biċċa letteratura mill-aqwa u mill-isbaħ hi wkoll. Xi wħud sfaw kittieba kbar : u kitbu opri kbar. Oħrajn sfaw kittieba kbar : u ma kitbux għajr ħwejjeġ ta' ħlieqa, tad-daħk u taċ-ċajt. Kittieb u letterat kbir jista' jagħmel isem b'kitba li titħaddet biss fuq il-ħrejjef, daqskemm jista' jagħmel isem b'kitba li titħaddet fuq l-aqwa punti

ta' filosofija u ta' teoloġija dommatika u morali. Esopo u Fedro ma kitbux ħlief ħrejjef. Madankollu kitbiethom hi magħduda bħala kbira fiha nfisha daqs kemm hi kbira fiha nfisha l-kitba ta' Pindaru u ta' Virġilju.

Aħna llum sa nitħaddtu fuq ħwejjeġ li la huma ta' fejda u anqas ta' tagħlim. Sa nitħaddtu fuq ħwejjeġ li la huma ta' siwi morali u anqas kulturali. Biss naħsbu u nittamaw li dak li ser ngħidu, ftit jew wisq, jingħoġob.

Ħabibi u ħabibkom, L-Isem-Bla-Isem, kien darba tifel ċkejken huwa wkoll. Iżda — għax tgħid! ? — donnu xejn ma kien jixbahhom lil tfal oħra. Kien joħlom bil-lejl u joħlom bin-nhar. Żgħuritu kienet ħolma; tfulitu ħolma oħra. U issa li sar żagħżugħ bħal min qed jikteb, ħlok li l-ħolm naqaslu donnu żdiedlu u kotorlu; anzi kullma joħlom jixtieq kieku jwettqu jew bil-kitba jew bil-għamil, jonkella bit-tnejn.

Kullma kien jara b'dawl għajnejh kien ikattru u jarah kbir daqsiex b'dawl il-fantasija ta' moħħu. Kelb kien jidhirlu kbir daqs barri. Nagħġa jew mogħża kienet tbeżżgħu u tnaffru aktar minn babaw. L-ewwel darba li ra baqra, kif kien qiegħed bil-qiegħda fuq il-għatba ta' dar ommu, twerwer u tilef saħħitu, waqgħetlu fl-art il-biċċa ħobż biż-zejt u t-tadam li kellu f'idu, qam, u.... baqa' wieqaf issummat bħal statwa, għax daqskemm ried jidħol jiġri 'l ġewwa daqshekk ieħor ma satax billi msarnu bil-biża' niżlulu f'qiegħ riġlejh.

Għall-għasafar, imbagħad, u l-ajruplani kellu seħer. Mhux darba u tnejn qam fil-għodu kmieni kmieni, qabeż u niżel missodda bl-ilbies ta' taħt, qabad u ħa ftit melħ f'qiegħ idu u erħielha sieket sieket u tista' tgħid bla ma jieħu nifs lejn is-siġra talfrott li kien hemm fil-bitħa tad-dar biex ipoġġi dak il-melħ fuq denb l-ewwel għasfur li jmur jistrieħ u jgħanni fuq friegħi s-siġra. Iżda qatt ma rnexxielu jagħmel xejn. U għall-ajruplani xi ngħidu? Kemm-il-darba tala' fuq il-bejt b'qasba twila f'idu u bi spaga ħoxna marbuta fit-tarf tagħha ta' fuq biex ma' l-ewwel ajruplan li jgħaddi fil-baxx ixejjirha b'qawwa kbira, idawru biha, jaqbdu u jniżżlu ħdejh?

U tat-tajra min qatt jemminha? Ġie s-sajf u l-poeta mitwieled li qegħdin nitkellmu fuqu ttieħed mill-marda ta' sħabu. Ra f'idejn sħabu ħafna tajriet tal-karti, mlewna u tħajjar jixtri waħda. Kien joqgħod dik il-ħabta f'Tas-Sliema. Hemm kienu jinbiegħu f'xi ħwienet tajriet tat-tliet soldi, taż-żewġ soldi u tas-sold. Ommu bit-tiela' u n-niežel spiċċat biex xtratlu waħda mill-orħos. Iżda fettlilha ma tħallihx jitla' fuq il-bejt għax beżgħet li jaqa' u jmutilha. Għalhekk qaltlu biex, jekk irid, joqgħod itajjarha mhux b'aktar minn tlitt iqjiem ħajt fil-bitħa

tad-dar. Hu kellu jagħmel hekk. Ma satax jagħmel ieħor. Mill-mitluf ried jieħu dak li sata'. U beda jtajjarha. Iżda t-tajra m'hemmx li tinqata' 'l fuq miċ-ċint tal-bitħa. Togħla kemmxejn u terġa' tħawwilha isfel bir-ras. Wara xi nofs siegħa taħbit denbha nqatgħalha għax tħabbel u weħel mal-friegħi tas-siġra tal-frott li kien hemm f'roqgħa ħamrija mġennba f'waħda mir-rkejjen tal-bitħa. Tħajjar jixxabbat mas-siġra, iżda billi kien smin u oħxon daqs bettija u mibrum daqs ċagħka, ma għamel xejn, anzi mn'Alla li ma spiċċax b'xi għawġ jew b'xi saram! Is-siġra, għax tgħid, donnha wkoll kienet taf xi jsarraf dak iċ-ċkejken b'wiċċ imfaqqa' daqs lenbija. Iżda denb it-tajra ma kienx kollox. L-istorja tagħha ma ntemmetx. Fadal il-praspura ta' qamarha. Wara li ġannat u għaqqad mill-aħjar li sata' l-fdal tad-denb, ra li l-qamar tat-tajra kien sa jinqala'. Għalhekk, qabel ma jerġa' jibda jtajjarha, xtaq iwaħħlu tajjeb. Ommu ilma kellha iżda dqiq le. Il-kolla qatt ma ħolmot biha. Għalhekk binha biex iwaħħal il-qamar ma kellux. Ix-xaħam, qal bejnu u bejn ruħu, abjad u jwaħħal daqs id-dqiq imħallat bl-ilma. Ħmira, kolla, gloy ommu ma kellhiex. Imma xaħam iva. U talabha x-xaħam. Ommu tatu ftit fuq karta taz-zokkor. Hu ntafa' fuq il-qiegħa ta' l-art għaddell u beda jċallas u jċappas u jdellek. U l-qamar m'hemm li jeħel qatt. Iross, iross; iżda flok li l-karta bdiet teħel ma' oħra x'ħin poġġa t-tajra fix-xemx, ix-xaħam inħall u l-karta bdiet titherra. Ommu nfexxet tidħak u ħasset jixgħel f'qalbha l-hena safi ta' l-innoċenza ta' binha. Binha, iżda, ma daħakx; u ħadd ma sata' jdaħħallu f'rasu li x-xaħam mhux iwaħħal iżda jħoll.

Għedna li ħabibi u ħabibkom kien poeta mit-twelid. U tabilħaqq. Araw.

Kien għadu ta' xi ħames snin meta nannietu, minn-naħa ta' missieru, kienu jmorru għalih f'Tas-Sliema u jeħduh magħhom f'raħalhom fejn kellhom razzett kbir.

Fi żmien il-ful u s-silla nannietu kien ikollhom fir-razzett ħabel raba' miżrugħ silla u ħabel ieħor miżrugħ ful. Neputihom iż-żgħir kienet il-għaxqa tiegħu li jmur ir-razzett qalb il-ħdura tal-ful u tas-siġar tar-rummien u qalb il-ħmura talward tas-silla. Hemmhekk bħal kien jintilef minn sensih u joħroġ barra minnu n-nifsu. Dik il-ħarġa silla jew ful kien jistħajjilha saltnatu. Kien jidħol jaqbeż qalb il-ful jew is-silla, jitpaxxa b'dak il-ġmiel tan-natura, u mbagħad kien jimtedd għal tulu f'nofs dawk l-egħlejjel bħallikieku biex isir ħaġa waħda magħhom. U erħilu joħlom.

F'widnejh qed jidwi ż-żanzin ta' naħla. Kif inhu mitfugħ

żaqqu 'l fuq, jagħti daqqa t'għajn. Hu ma jidherx għax iz-zkuk tal-ful jew tas-silla jagħalquh madwarhom u jaħbuh għal għajn nannietu. Dawk iz-zkuk ħodor u torja kien jistħajjilhom siġar tal-balluta. Naħla għalih kienet xi ħaġa daqskemm kien sultan. Għasfur tal-bejt kien iġennu. Waqtiet kien jagħmel f'moħħu li jaqbad tajra kbira ta' l-ajru biex jeħdilha ġwinħajha u jittajjar bihom fid-difa tas-sema hu wkoll. U ħafna u ħafna drabi xtaq jinbidel f'għasfur. Għasfur għalih kien aħjar minn bniedem. It-tiżwiq u l-lwien bellusija ta' farfett kienu jsaħħruh. Darba fost l-oħrajn, kif kien ġor-razzett, mar b'ġirja waħda għal fuq nanntu u talabha tagħmillu libsa mill-ġwienaħ bellusin tal-friefet. Nanntu tbissmitlu u ma qaltlux le.

Fi żmien ix-xitwa, zijietu kienu jeħduh magħhom sal-wied. Darba ra titgħawwem u tiġri mal-mewġ tal-wied nofs qoxra ta' ġewża. Dak il-ħin ħass ruħu jiċkien, jiċkien, jiċkien. Għadda minn għalih daqsxejn ta' mazzarell; xtaq kieku jsir mazzarell biex ikun jista' jmur ibaħħar fuq dik id-dgħajsa tal-qoxra ta' ġewża; u għal waqt wieħed bħal intilef f'nagħsa ħelwa, ħass jitrabbewlu ġwienaħ żgħar, u nbidel u tħawwad bil-ħsieb u bix-xewqa ta' ħolma f'dak il-mazzarell li kien għadu kemm ra.

Għad baqa'.

Il-poeta mitwieled ma kien jista' jara xejn li ma jġennenx bil-mistoqsijiet lil dik jew dak li jkun miegħu. U ommu fuq hekk mhux darba u tnejn waħħlitha f'rasha li iżjed magħha l-knisja ma teħdux.

Igħid il-qawl Malti : "Il-mistoqsija oħt il-għerf". U hekk hu. Għax dak li kien jistaqsi xinhu u mhux meta kien għadu żgħajjar, illum, li tfarfar u kiber u qiegħed fil-qalba taż-żgħużija, il-poeta tagħna l-Isem-Bla-Isem qed jiktbilna fuqu ta' wieħed għaref u b'sengħa ta' mgħallem kbir.

Mela arawh fil-knisja m'ommu. Is-sagristan ħiereġ ibiddel il-kunupew u l-vintartal minn aħdar f'abjad jew minn aħmar fi vjola. Għajnejn iċ-ċkejken poeta jiffissaw fuq l-artal. Fl-istess waqt fommu jitbexxaq u arah isaqsi 'l ommu għaliex dak it-tibdil fl-ilwien ta' dak id-drapp. X'kienet twieġbu ommu ma nafux. Iżda naħsbu li anqas hi n-nfisha ma kienet taf xinhu l-għan tat-tibdil ta' l-ilwien fil-kunupew u l-vintartal.

Din m'hi xejn. Isimgħu ftit il-bużullotta tal-purċissjoni tas-Sagrament.

Kien jum il-Għid ta' "Corpus Domini". It-tfajjel li qegħdin nitkellmu fuqu kien m'ommu Tas-Sliema. Ommu, biex tara l-purċissjoni ħtiġilha tmur ħdejn waħda minn qrabatha. Telgħet ma' binha fil-gallarija u billi ċ-ċkejken tagħha ma kienx

ilaħħaq ma' ħoġor il-gallerija, tellgħatu bil-wieqfa fuq siġġu. Il-purċissjoni bdiet toqrob. Wasal u għadda minn taħt ħarset iċ-ċkejken poeta l-istandard tad-Duluri, imbagħad dak ta' San Ġużepp, imbagħad dak tar-Ružarju u fl-aħħar dak tas-Sagrament· Issa baqa' l-baldakkin. It-tifel għandu fuqu deni ta' żiemel biex jaqta' xewqtu. Minn ħafna żmien qabel, 'l ommu kien għoddu ġenninha biex turih il-Bambin. Issa l-waqt wasal. Il-Baldakkin feġġ. It-tifel għoddu sa jaqla' għonqu bit-titwil l-isfel minn ġo l-gallerija. Hu qatt ma sata' jifhem li l-Bambin kien jinsab ħaj kollu kemm hu moħbi fil-bjuda ta' l-Ostja Mqaddsa. U għalhekk qatt ma sata' jġerrgħu dak li kienet tgħidlu ommu. Għajnejh kienu jfittxu li jaraw lil Ġesù aktarx f'ħafna mkejjen oħra, iżda le fl-Ostja Mqaddsa magħluqa fid-dija mdiehba ta' l-Ostensorju. U din id-darba, kif ma nafux, daħħalha f'rasu li kellu jara' 'l Ġesù mhux fl-Ostensorju taħt il-baldakkin, iżda fuq il-baldakkin. Issa l-baldakkin qiegħed taħt ħarstu u ħlief id-drapp imżaqqaq tiegħu kemm kemm imewweġ biż-żiffa it-tifel iżjed ma jista' jara xejn. Iħares, iħares, iħares. Għajnejh għoddu qəlagħhom. Billi! Ma jistax jara ħjiel ta' dak li jrid. Għalhekk jinfexx jibki, jibki u jolfoq, jolfoq u jixher kemm jiflaħ. U b'dil-bikja dam sejjer sakemm wasal mhux ħin l-ikel—għax anqas jiekol ma ried—imma ħin ir-rqad fis-sodda u dan ma satax jagħmel ieħor.

Dawn ma ssejħulhomx bċejjeċ ta' wieħed miġnun? U tabilħaqq, liema u kemm huma dawk it-tfal ċkejkin li jiġuhom f'rashom riflessjonijiet bħal dawn?

Dak li għandu midmumin ma' ħajtu dawn il-praspar illum huwa magħdud b'wieħed mill-aħjar poeti ta' Malta. Meta kien għadu ċkejken, kien poeta diġà. U jekk illum hu *in actu*, kien ukoll poeta - biss *in potentia*—f'żgħuritu, anzi saħansitra poeta mit-twelid!

KARMENU VASSALLO.

Siġġiewi.